MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 6/2002/1

**Nazzareno sive Reno Zarb**

**vs**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti;**

**<u>Preliminari</u>**

Dan hu appell minn sentenza studjata u dettaljata moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Mejju,

2003. L-appellant Zarb kien talab lil dik il-Qorti li tiddikjara li kien hemm, fil-konfront tieghu, ksur tal-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan in kwantu (1) l-proceduri kriminali pendenti kontra tieghu kienu hadu zmien “mhux ragonevoli” u, ukoll, peress li (2) fil-process “hemm perizji bbazati fuq persuni li kienu membri tal-Korp tal-Pulizija u li l-perizji taghhom baqghu ghaddejjin”, u ghalhekk, skond ir-rikorrent, hu ma kellux “smigh xieraq”; talab ukoll li, konsegwentement ghal tali dikjarazzjoni, huwa jinghata rimedju xieraq, u ssenjala in partikolari rimedju “fuq l-iskorta tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ta’ Malta [***John Saliba v. Avukat Generali et***] tas-6 ta’ Lulju, 1998”.

Jigi precizat ukoll li din il-kawza kienet qed timxi, fil-prim istanza, u tigi trattata kontestwalment ma’ kawza identika fl-ismijiet ***Melchior Spiteri v. Avukat Generali*** (Rik. Kost. 5/02 TM) – ara l-verbal f’dik il-kawza, cioe` ta’ Spiteri, tal-11 ta’ April, 2002 (fol. 10) u tal-21 ta’ Novembru, 2002 (fol. 31), kif ukoll il-verbal f’din il-kawza, cioe` ta’ Zarb, tas-16 ta’ April, 2002 (fol. 17) u tad-9 ta’ Mejju, 2002 (fol. 18). Fil-fatt Zarb u Spiteri huma ko-imputati fl-istess proceduri penali.

L-ewwel Qorti, wara li rrespingiet l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Avukat Generali li huwa ma kienx il-legittimu kontradittur f’dawn il-proceduri (mil-liema parti tas-sentenza l-Avukat Generali ma appellax, anqas incidentalment), irrespingiet it-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra tieghu, u dan wara li kkunsidrat is-segwenti:

“Illi f’din il-kawza, ir-rikorrent, meta ghad kellu dsatax(19)-il sena, tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), fil-kompetenza taghha kriminali, akkuzat b’diversi reati, u wara tul ta’ snin, inghatat sentenza li minnha kien hemm appell; dan l-appell ghadu pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali. Irrizulta wkoll li, fil-kors ta’ dawn il-proceduri kien hemm il-htiega ta’ opinjoni esperta, u tqabbdu ghal dan il-ghan membri tal-Korp tal-Pulizija li resqu r-rapporti taghhom ghall-konsiderazzjoni ta’ dik il-Qorti. Ir-rikorrent qieghed jilmenta minn zewg affarijiet illi

skond hu jaghtu lok ghal ksur ta’ l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u ghal ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta.

Dawn iz-zewg affarijiet huma:

(a) Il-fatt illi fil-kawza kriminali kontra tieghu kien hemm periti tal-Qorti illi kienu wkoll impjegati mal-Korp tal-Pulizija

(b) Il-fatt ta’ dewmien esagerat fis-smiegh tal-kawza kriminali.

Illi kwantu ghall-ewwel kwistjoni mqajma mir-rikorrent, din il-Qorti tirrileva li r-rikorrent mhux qieghed b’xi mod jattakka l-kompetenza jew l-imparzjalita’ tal-esperti mqabbda mill-Qorti Kriminali, imma qed jistrieh biss fuq il-fatt li dawk il-periti hekk mahtura kienu membri fil-Korp tal-Pulizija li kienet qed tmexxi l-prosekuzzjoni kontra tieghu, u bhala tali, il-hatra taghhom bhala esperti, tkisser id-dritt tieghu ta’ smiegh indipendenti u imparzjali. Ir-rikorrenti jistrieh fuq id-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali tas-6 ta’ Lulju, 1998 moghtija fil-kawza “<u>Saliba vs Avukat Generali</u>”. F’dik is-sentenza l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali kienet osservat li esperti mahtura minn fost membri tal-Korp tal-Pulizija ma jistghux jitqiesu bhala indipendenti, u kienet irrevokat is-sentenza tal-Qorti tal-ewwel istanza li kienet sabet li la darba xi rikorrent ma kienx oggezzjona fil-kors ta’ proceduri kriminali ma setax izjed jilmenta dwar dan il-fatt billi kellu rimedju ghaliha.

Din il-Qorti hasbet fit-tul fuq din il-kwistjoni u l-aktar triq facli ghaliha kien ikun li toqghod fuq din id-decizjoni, taddottaha u b’hekk tilqa’ t-talba tar-rikorrenti. Din il-Qorti, pero’, kif presjeduta, jidhrilha, bir-rispett kollu, li m’ghandhiex taqbel mal-posizzjoni li hadet l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali f’dik il-kawza. Din il-Qorti tapprezza li, bhal principju, pronunzjament mill-oghla Qorti tal-pajjiz ghandu jigi segwit u zgur li m’ghandux jigi skartat jekk mhux ghar-ragunijiet serji; thoss, pero’, li, fil-fatt, jezistu ragunijiet serji ghala din il-Qorti qed tiddipartixxi minn dak

id-*dictum*, specjalment meta tqis li l-istess Onorabbli Qorti Kostituzzjonali kienet tat decizjoni kuntrarja fil-kawza "Il-Pulizija vs Camilleri et" deciza fit-30 ta' April, 1993. Din id-decizjoni ma jidhirx li ttiehdet in konsiderazzjoni mill-istess Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza li tat fl-1998. F'dik il-kawza ntqal li ma jistax jinghad li kien hemm ksur ghad-dritt ta' smiegh xieraq meta ma jirrizultax li l-perit imqabbad mill-Qorti kien b'xi mod parzjali. In kwantu l-ilment kien bazat fuq vjolazzjoni ipotetika, l-esercizzju tal-Qorti jkun biss akkademiku, u dan m'ghandux ikun permess meta mhux qed jigi allegat parzjalita' jew xi forma ohra ta' vjolazzjoni tad-dritt tal-akkuzat ghas-smiegh xieraq.

Din il-Qorti, kif inghad, taqbel li jekk ma jigix muri, li fil-fatt, kien hemm vjolazzjoni vera u reali, ma jistax jitqies li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, specjalment meta l-akkuzat kellu rimedji ohra ordinarji li ma wriex disponibilita' li jaghmel uzu minnhom. Jekk persuna thoss li d-drittijiet fundamentali taghha qed jigu pregjudikati, ghandha titkellem mill-ewwel jew ma' l-ewwel opportunita', u mhux thalli l-process ghaddej u tippartecipa fl-istess process, u wara tilmenta li ma kellhiex smiegh xieraq. L-ordinament guridiku ta' pajjiz ghandu jinghata hi l-istess opportunita' li ssolvi l-problemi u n-nuqqasijiet li l-operazzjoni taghha tista' tohloq, u jkun hemm ingustizzja kbira u nsult lis-sistema guridika tal-pajjiz, jekk dak li jkun ma jitlobx rimedju ordinarju biex wara jitlob li jhassar il-process kollu billi jitlob rimedju straordinarju. Is-sistema guridika mhux qieghda hemm biex tigi abbuzata u manipulata biex dak li jkun jiehu vantagg a skapitu tal-gustizzja.

Ghalkemm akkuzat fi proceduri kriminali mhux obbligat jitkellem, pero', ghandu dritt li jkun assistit b'Avukat tal-fiducja u dan biex jigi garantit li l-akkuzat ikollu, fil-fatt, smiegh xieraq u biex jara li l-interessi tieghu jkunu protetti. Dan ifisser li l-akkuzat, tramite l-Avukat tieghu, ghandu jiehu parti attiva fil-process, u jara li ma jkunx "partecipi" f'xi haga li tikser id-drittijiet fondamentali tieghu. Jekk l-akkuzat, allura, jara li qed issir xi haga mhux kif suppost, ghandu jitkellem u jitlob rimedju opportun, u huwa biss

jekk ma jinghatax rimedju (u ghalhekk l-ordinament guridiku tkun naqset mid-dover taghha li tohloq rimedji ghan-nuqqasijiet li holqot) li dak li jkun ikollu dritt jitlob rimedju straordinarju taht il-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem. Fin-nuqqas, jista' jigri li jekk waqt process, issir xi haga irregolari, l-akkuzat (forsi xjentement?) jista' jhalli l-process ghaddej u, fl-ahhar biss jitlob it-thassir tal-process kollu minhabba dik l-irregolarita'. Dan kollu jwassal mhux biss ghal hela ta' flus u zmien il-poplu, izda jkun ifisser twaqqieh ghar-redikolu tal-process kollu gudizzjarju, bil-konsegwenza li l-poplu jista' jitlef il-fiducja fil-proceduri gudizzjarji.

Dwar dan, din il-Qorti tinsab konfortata b'zewg decizjonijiet importanti moghtija mill-Qrati taghna. Fil-kawza "Joseph Spiteri vs Prim Ministru et", deciza minn din il-Qorti (allura presjeduta mill-Onorabbli Imhallef Caruana Curran) fit-30 ta' Gunju, 1977, gie osservat li akkuzat li ngieb ghal guri tieghu liebes il-hwejjeg tal-habs, ma jistax, darba li fil-mument opportun ma talabx smiegh gdid, jilmenta quddiem il-Qorti Kostituzzjonali bi ksur tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq u jitlob, bil-konsegwenza, it-thassir tas-smiegh tal-kaz tieghu.

Il-kaz l-iehor kien dak fl-ismijiet "Vincent Spiteri vs Prim Ministru et", li kien gie deciz mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Awissu, 1977. Dak kien kaz fejn, matul is-smiegh tal-kaz, issemmew il-precedenti kriminali tal-akkuzat. Dik l-Onorabbli Qorti osservat li l-akkuzat kellu kull dritt jitlob li l-guri tieghu jigi xolt u jigi gudikat fi smiegh gdid; dan in-nuqqas tieghu li jitlob rimedju li l-ordinament guridiku ordinarju jipprovdi, timpedieh milli jitlob rimedju Kostituzzjonali fi tmiem il-process.

Dawn il-gudikanti jikkonfermaw li kull akkuzat fi proceduri kriminali ghandu, veru, dritt ghal smiegh xieraq, izda hu ghandu dmir jikkawtela l-interessi tieghu u joggezzjona filwaqt meta jhoss li l-process qed ikun ta' pregudizzju ghalih; fin-nuqqas, rimedju straordinarju ma jkunx esperibbli.

Oltre dan, tajjeb li jigi osservat li kemm il-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll il-Kostituzzjoni trid li l-Qorti tkun indipendenti u imparzjali, u ma tghid xejn dwar il-periti li l-Qorti tista' tahtar biex jassistuha fl-istharrig taghha. Il-ligi trid li l-indipendenza tigi riflessa fil-Qorti, ghax id-decizjoni finali hi f'idejn il-Qorti mhux f'idejn il-periti. Fi kliem iehor, ghalkemm il-Qorti solitu li ssegwi l-pariri li jaghtuha l-esperti minnha mahtura, dawn jibqghu biss opinjonijiet, u d-decizjoni li taffettwa l-liberta' tal-akkuzat tehodha l-Qorti, u l-Qorti biss. Il-Qorti ghandha dmir tgharbel sew l-opinjonijiet tal-esperti maqbuda minnha, imma tista' tinjora dawk l-opinjonijiet u ticcensurahom jekk ma jkunux qdew l-inkarigu lilhom moghti skond kif titlob il-ligi. Il-kelma finali hija f'idejn il-Qorti, u hija din li, skond il-Konvenzjoni u l-Kostituzzjoni, trid tkun indipendenti u mparzjali.

Fil-kawzi "Galea vs Prim Ministru et", deciza minn din il-Qorti (allura presjeduta mill-Onor Imhallef Said Pullicino) fil-5 ta' Ottubru, 1993, u "Bartolo vs Prim Ministru et", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' April, 1996, intqal li Bord ta' Inkjesta mhux Qorti fis-sens tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u kwindi mhux sindakabbli mill-Qorti Kostituzzjonali, u dan a bazi tal-argument li Bord ta' Inkjesta m'ghandhiex funzjoni li tiddeciedi fuq htija, izda biss li tigbor il-fatti u taghti r-rakkomandazzjonijiet taghha. L-istess jista' jinghad ghall-periti nominati mill-Qorti, li wkoll ghandhom funzjoni limitata li jigbru l-fatti u jaghtu l-opinjonijiet taghhom ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti li hatrithom. Ghalhekk, din il-Qorti tesprimi d-dubbji taghha dwar kemm ir-rimedju mitlub jista' jigi invokat fil-konfront ta' periti mahtura mill-Qorti biex jassistuha fil-kaz li jkollha quddiemha.

Din il-Qorti tifhem ukoll li, fi zmien li nhatru l-periti, kien difficli, jekk mhux impossibbli, li l-Qrati Kriminali jsibu esperti fil-materja li jkunu minn barra l-Korp tal-Pulizija; dan jghodd, partikolarment, ghall-esperti tal-impronti digitali li kienu jinsabu biss fi hdan il-Korp tal-Pulizija. Dan, din il-Qorti, tista' tiehu *judicial notice* tieghu ghax jirrizulta palesi mill-fatti u c-cirkostanzi kif zviluppaw dan l-ahhar fil-gzira taghna. Fid-dawl ta' dawk ic-cirkustanzi, ftit kienu l-opinjonijiet miftuha ghall-Qorti dak iz-zmien u, wiehed

jista’ jargumenta, dik il-Qorti kienet kostretta b’necessita’ li tahtar bhala esperti membri tal-Korp tal-Pulizija. Din id-duttrina giet accettata mill-oghla Qorti tal-pajjiz fil-kaz “L-E.T. Rev.Monsinjur Arcisqof Giuseppe Mercieca vs L-Onor Prim Ministru et” deciza fit-22 ta’ Ottubru, 1984, fejn gie deciz li l-kaz in kwistjoni kellu jinstemgha mill-ahhar tlett gudikanti li kien fadal, inatez kull impediment, u dan wara li l-gudikanti l-ohra kollha kienu, ghal xi raguni jew ohra, impeduti milli jpoggu u jisimghu dak il-kaz. Dik il-Qorti kienet accettat espressament id-duttrina ta’ necessita, kif anke esposta mill-awturi in materja. F’dik il-kawza intqal li, “Il-ligi taghna bhal dik Rumana minn dejjem argumentat *ut melius valeat quam pereat*, u ghalhekk jidher li, f’kaz ta’ necessita’, jigifieri meta l-Imhallfin kollha jistghu jkunu rikuzati, ma jkun hemm ebda irregolarita’ fic-cirkostanzi li jisimghu u jaqtghu l-kaz”. Fil-fatt, il-gurista De Smith, fil-ktieb “*Constitutional and Administrative Law” (4th ed. p.570)*, osserva li, “*In very exceptional circumstances, all the available adjudications are affected by a disqualifying interest, in which case they may have to sit as a matter of necessity.”* Jekk dan il-principju jghodd ghall-gudikant, aktar u aktar ghandu jghodd ghall-periti meta fuqhom u in kontroll ikun hemm Qorti indipendenti u imparzjali.

Dan, ovvjament, jista’ ma jkunx jghodd ghall-esperti tal-fotografija, peress li dawn jistghu jinstabu minn barra l-Korp tal-Pulizija, pero’, ir-rwol taghhom huwa aktar oggettiv milli espressjoni ta' opinjoni, u r-rwol ta’ supervizzjoni li tezercita’ l-Qorti hu altru milli bizzejjed biex ixejjen kwalunkwe suspett ta’ parzjalita’. Ghalhekk, din il-Qorti ssib li l-ewwel ilment tar-rikorrent ma jimmeritax li jkun akkolt.

In kwantu ghat-tieni kwistjoni mqajjma mir-rikorrent, u cioe’, li kien hemm dewmien esagerat fis-smiegh tal-kawza kriminali, b’mod generali, biex jigi determinat jekk is-smiegh f’xi proceduri quddiem il-Qorti sarx fi zmien ragjonevoli kif mitlub mill-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, wiehed irid iqis ic-cirkostanzi kollha partikolari f’dawk il-proceduri, u b’mod partikolari:

(1) in-natura u/jew komplessita’ tal-kaz in kwistjoni
(2) il-kondotta tal-partijiet fil-kawza, u
(3) il-mod kif dawk il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorita’ gudizzjarja stess.

Din il-Qorti tifhem illi ghar-rigward tar-ragonevolezza tad-dewmien ghandha ssir distinzjoni bejn process kriminali u dak civili, ghax fejn il-liberta’ jew il-gieh tal-persuna jkunu *in issue,* hu mportanti li l-kwistjoni ma titwalx aktar milli hu necessarju, u filwaqt li fil-process civili, wiehed jista’ jaccetta certu dewmien, dan m’ghandux ikun permess meta hemm imdendla kontra persuna akkuza ta’ natura kriminali. Ovvjament, kollox hu relattiv u kollox ghandu jitqies fil-kuntest tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz li jistghu jwasslu ghar-ragonevolezza taz-zmien li ttiehed biex jigi determinat il-kaz in kwistjoni.

Biex jigi determinat ir-ragjonevolezza tad-dewmien f’dan il-kaz, il-Qorti jehtigilha tezamina l-process tal-kawza kriminali u l-iter procedurali adattat f’dan il-kaz. Minn ezami tal-process relattiv, issib illi, fil-fatt, ma kienx hemm xi dewmien li kien rizultat ta’ xi nuqqas tal-Prosekuzzjoni jew tal-Amministrazzjoni tal-Qorti. Ir-rikorrent, flimkien ma tmien persuni ohra, tressaq b’arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), fil-kompetenza taghha kriminali, fil-5 ta’ April, 1991. L-akkuzi ma kienux ta’ entita’ zghira imma kienu jinvolvu akkuzi ta’ serq minn diversi fabbriki, kif ukoll serq ta’ karozzi, fost akkuzi ohra. L-akkuzi kienu jirreferu ghall-allegazzjoni ta’ serq minn ‘l fuq minn ghoxrin fabbrika u ta’ diversi vetturi, u l-akkuzati gew implikati wahedhom jew bi shab ma’ diversi minnhom. Meta wiehed jikkunsidra in-numru tal-akkuzati kif ukoll in-numru kbir ta’ akkuzi, id-dewmien fil-process kien mistenni li jiehu tul ta’ zmien.

L-ewwel li kellha tiddetermina dik il-Qorti kienet it-talba ghal-liberta’ provizorja li ressqu l-akkuzati kollha u dawn gew determinati, il-maggor taghhom favorevolment, fis-17 ta’ April, 1991. Dan juri li, ghal dak li jirreferi ghal-liberta provizorja tal-akkuzati, il-Qorti ma qaghdetx itawwal il-

process, u l-liberta' provizorja inghatat lilhom fi zmien relattivament qasir ta' tnax-il gurnata.

Wara dan, il-kaz quddiem il-Qorti tal-Magistrati mexa b'ritmu regolari u mghaggel, izda mehud kont tal-volum kbir ta' xhieda li kellhom jinstemghu u ta' dokumenti li kellhom jingabru, kien mistenni li l-process jiehu tul ta' zmien. Tul il-kumpilazzjoni, jidher li l-Qorti kellha tfixkil fix-xoghol taghha li ma kienx imputabbli lilha jew lill-Prosekuzzjoni. Kien hemm okkazzjonijiet, fejn mhux l-akkuzati kollha kienu jidhru ghas-seduti, tant li, fejn ghall-ewwel il-Qorti kienet tiddiferixxi s-smiegh, eventwalment kienet taghti ordni ghall-prosegwiment tas-smiegh inattes l-assenza ta' xi akkuzat. Jidher ukoll li l-Qorti kellha problemi tikkontrolla lill-akkuzati fl-Awla, ghax mhux l-ewwel darba li kellha twissi lil xi akkuzat jew tipprocedi kontra xi akkuzat ghad-disprezz peress li bl-atteggjament taghhom kienu qed itellfu x-xoghol tal-Qorti. Jirrizulta wkoll, li fil-kors tal-kumpilazzjoni, xi akkuzati ma kienux jottemperaw ruhhom mal-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja, u regolarment kellhom jittiehdu proceduri mill-Pulizija ghar-revoka tal-liberta' provizorja, proceduri li wkoll kienu jiehdu z-zmien tal-Qorti. Kien hemm ukoll okkazjonijiet fejn xhieda ma kienux jigu notifikati biex jixhdu ghax ma jkunux instabu fil-hin, u okkazzjonijiet fejn xhieda notifikati ma jitilghux ghas-seduta. Fl-ahhar ipotesi, il-Qorti kienet tkun pronta tordna l-hrug ta' Mandat ta' Arrest fil-konfront taghhom, u l-Pulizija ma jidhirx li kienet traskurata jew naqqset mid-dmir taghha milli tiehu l-passi mehtiega biex tipproduci x-xhieda quddiem il-Qorti. Peress li l-akkuzi kienu jirreferu ghal diversi serqiet, kien mehtieg li, f'kull kaz, l-atti tal-Inkjesta u l-process verbal relattivi jigu esebiti, u ghalkemm kien hemm xi inkjesti li hadu z-zmien taghhom biex jigu konkluzi, ma jidhirx li kien hemm xi dewmien esagerat fir-rigward. Minn ezami tal-process, fil-fatt, ma jidhirx li kien hemm xi dewmien bla bzonn, u s-smiegh tal-kwantita' kbira ta' xhieda li kellhom jinstemghu kien jipprocedi b'mod regolari.

Il-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha dwar il-mertu tal-akkuzi fit-12 ta' Ottubru, 1993, u wara li resqu provi dwar l-akkuzi ta' recidiva, ghalqet definittivament il-provi taghha fl-14 ta' Jannar, 1994. Mehud kont tal-komplessita' tal-kaz

u l-problemi li nholqu tul is-smiegh, kompilazzjoni li hadet tlett snin u disa’ xhur ma jidhirx li hu zmien esageratament twil.
L-artikoli gew prezentati fl-14 ta’ April, 1994, l-Qorti bdiet tisma’ l-provi tad-difiza sakemm tat is-sentenza taghha fil-15 ta’ Frar, 1995. Tul dan iz-zmien kollu li l-kaz kien pendenti quddiem il-Qorti kriminali, il-process mexa b’ritmu regolari minghajr hela ta’ zmien jew dewmien zejjed.
Uhud mill-akkuzati li nstabu hatja appellaw mis-sentenza u dawn tressqu fit-23 u fl-24 ta’ Frar, 1995. Il-procedura quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ittawlu minhabba l-kwantita’ kbira ta’ rikorsi li tressqu mill-akkuzati u anke minhabba l-preokkupazzjoni ta’ dik il-Qorti li s-sentenza twassal, forsi, ghar-riforma tal-akkuzati. Fil-fatt, l-appelli principali kienu jolqtu l-piena nflitta, u l-Qorti riedet tisma’ diversi rapporti dwar il-progress li l-akkuzati kienu qed jaghmlu lejn ir-riabilitazzjoni taghhom. L-Onorabbli Qorti tal-Appell, fil-fatt, talbet u inghatat diversi rapporti minn ufficjali tal-habs dwar il-komportament tal-akkuzati, u kkunsidrat wkoll il-possibilita’ ta’ terapija mill-organizazzjoni OASIS u anke veduti ta’ psikjatri.

Tul dan il-perjodu, l-Onorabbli Qorti tal-Appell, diversi drabi, iddiferiet il-kaz ghas-sentenza, izda kienet tigi mfixkla f’dan il-hsieb b’diversi rikorsi li kienu jressqu l-akkuzati. Fil-fatt, tul iz-zmien li l-process ilu pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell, saru diversi talbiet ghal-liberta’ provizorja (hafna drabi, b’mod repetut), biex jinstemghu xhieda godda, u biex il-Qorti tisma’ aktar dwar il-piena. Hafna mir-rikorsi li kienu jigu presentati mid-difiza, kienu jehtiegu li jigu appuntati ghas-smiegh, u anke meta l-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-9 ta’ Jannar, 2001, saru rikorsi ohra ghall-presentata ta’ Noti ta’ Sottomissjonijiet, u sahansitra rikors fil-11 ta’ Settembru, 2001, biex il-Qorti tisma’ provi godda! Fil-fatt, l-uniku perjodu li fih ma sar xejn kien bejn l-14 ta’ Jannar, 1999 sat-8 ta’ Ottubru, 1999, meta, minhabba l-indisposizzjoni tal-Imhallef sedenti u cirkostanzi ohra, l-appell ma kienx trattat. Apparti dan il-perjodu, il-Qorti kienet attivament involuta fis-smiegh tal-appell u tar-rikorsi ancillari, u ma jidhirx li kien hemm xi zmien twil fejn il-kaz kien mitluq.

L-ahhar darba li l-kaz kien gie differit ghas-sentenza kien fit-30 ta' Ottubru, 2001, izda s-sentenza baqghet ma inghatatx sakemm il-kaz gie assenjat biex jinstema' mill-gudikant illum sedenti dik l-Onorabbli Qorti, wara li l-Imhallef precedenti inghata kariga gdida f'tribunal esteru. L-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, kif issa presjeduta, riedet tipprocedi ghas-smiegh immedjat tal-kaz, izda giet rinfaccjata b'dawn il-proceduri ta' xejra kostituzzjonali, u b'digriet tat-3 ta' Ottubru, 2002, iddiferiet il-kaz sine die pendenti l-esitu ta' dawn il-proceduri kostituzzjonali.

Ghalhekk, ghalkemm il-kaz ilu pendenti madwar hdax-il sena, ma jistax jigi argumentat li kien hemm hela ta' hin, jew li d-diversi Qrati involuti ma ttrattawx il-kaz bid-debita attenzjoni. Fil-proceduri quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad, kien hemm volum kbir ta' provi x'jingabru, filwaqt li, quddiem il-Qorti tat-tieni grad, mhux biss saru diversi rikorsi mill-akkuzati, izda nstemghu diversi provi, fl-interess tal-akkuzati, dwar ir-riabilitazzjoni taghhom u dwar xi tkun l-ahjar piena li tista' tinghata.

Ir-rikorrenti f'din il-kawza jista' jilmenta li hafna mill-provi u r-rikorsi li saru ma kienux jinteressaw lilu, izda lill-akkuzati l-ohra. Il-Qrati, pero', kellhom quddiemhom process wiehed u ma setghux jiddisektjaw il-kaz ta' akkuzat wiehed minn tal-ohrajn. Id-diversi akkuzi kienu relatati ma' xulxin, u l-involviment tal-akkuzati fid-diversi reati kien ukoll, hafna drabi, konness, b'mod li ma kienx desiderabbli, fl-interess tal-gustizzja, li l-kaz ta' kull akkuzat jigi trattat separatament. Kieku sar hekk kien jinhela hafna zmien fis-smiegh tax-xhieda ripetuti u f'duplikazzjoni ta' proceduri li zgur kien iwassal ghal aktar dewmien fid-determinazzjoni tad-diversi kazijiet.

Din il-Qorti, fil-kompetenza taghha Kostituzzjonali, kif presjeduta mill-Onor. Imhallef J. Said Pullicino, fil-kawza "Scicluna vs Avukat Generali et" deciza fl-14 ta' Lulju, 1995, qalet li biex id-dewmien jaghti lok ghal ksur tad-dritt fondamentali tal-akkuzat, dak id-dewmien irid ikun "irragjonevoli", u l-Qorti sabet dan il-ksur peress illi, f'dak il-kaz, il-proceduri kienu waqfu ghal izjed minn sentejn

minghajr gustifikazzjoni ghal dan il-waqfien. F'dak il-kaz, ukoll, kien hemm dewmien rizultat tat-telf tad-dokument waqt is-smiegh tal-process.

Fil-kaz mertu ta' dawn il-proceduri, ma jirrizultax li kien hemm tul ta' zmien esagerat meta l-proceduri waqfu minghajr gustifikazzjoni (hlief ghal-perjodu ta' disa' xhur), u, in generali, mill-kondotta tal-akkuzati, il-Qorti ma haditx l-impressjoni li dawn kienu herqana biex il-kawza taghhom tigi konkluza. Kienu aktar interessati jaraw li l-Qorti jkollha konoxxenza tal-"progress" li kienu qed jaghmlu ghar-riabilitazzjoni, u biex zgur ma tigix inflitta xi piena naqra iebsa, kienu regolarment iwaqqfu lill-Qorti milli taghti s-sentenza taghha fil-kaz u dan b'rikorsi biex l-istess Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza halli tisma' xi provi godda jew tezamina rapporti godda dwar il-kondotta taghha. Dan, ovvjament, kellhom dritt jaghmluh, u ghamluh fl-interess taghhom, izda ma jistghux, wara, jilmentaw mill-fatt li l-Qorti damet ma tiddeciedi l-kaz taghhom.

Jirrizulta, fil-fatt, li l-Onorabbli Qorti tal-Appell erba' darbiet iddiferiet il-kaz ghas-sentenza: fid-29 ta' Frar, 1996, fit-13 ta' Marzu, 1997, fis-17 ta' Novembru, 2000, u fid-9 ta' Ottubru, 2001, u kull darba giet imfixxkla b'rikors tal-akkuzati, partikolarment b'applikazzjoni biex dik l-Onorabbli Qorti tisma' izjed qabel ma tiddeciedi fuq il-piena. Kien hemm okkazjoni, veru, fejn dik l-Onorabbli Qorti stess talbet informazzjoni dwar il-progress li kienu qed jaghmlu l-akkuzati biex jirreintegraw ruhhom fis-socjeta', pero', dan sar fl-interess tal-istess akkuzati u, ovvjament u bir-ragun, bl-istess kooperazzjoni tal-istess akkuzati u l-Avukati taghhom.

Kollox ma' kollox, din il-Qorti ma tarax li, sa issa, kien hemm xi dewmien "irragjonevoli" fl-iter procedurali tal-process kriminali kontra r-rikorrent, u kwindi lanqas dan l-ilment tieghu ma jisthoqq li jigi milqugh."

Din il-Qorti kkwotat estensivament mis-sentenza tal-ewwel grad ghax fiha hemm ukoll riportati l-fatti li huma l-bazi ta' din il-kawza.

Zarb appella minn din is-sentenza permezz ta' rikors prezentat fis-27 ta' Mejju, 2003. L-ilmenti tieghu huma tnejn, u qed jigu hawn riportati *verbatim*:

**(1) L-ewwel Onorabbli Qorti ghogobha tiddipartixxi mis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-6 ta' Lulju, 1998, dwar l-esperti nominati mill-Qorti li kienu membri tal-korp tal-pulizija. Is-sentenza Saliba v. Avukat Generali hija fuq il-gurisprudenza prevalenti tal-Qorti Kostituzzjonali, ghaliex diversi kienu l-pronunzjamenti fuq is-suggett. Tenut kont tal-importanza u r-rilevanza tal-esperti f'materji kriminali, ma jistax jinghad li l-esperti tal-pulizija jaghtu l-garanzija tal-imparzjalita` u l-indipendenza. Dan il-fatt l-Istat irrikonoxxieh u qed imexxi bil-laboratorju indipendenti bhalma hemm f'pajjizi ohra. Il-principju huwa eqdem mill-Konvenzjoni u l-Kostituzzjoni. Nemo judex in causa propria. Hija zbaljata l-ewwel Qorti li tghid li f'dan il-qasam kien obbligu ta' l-imputat li jqajjem tali kwistjoni. Huwa l-Istat li jiggarantixxi t-tribunali tieghu, u mhux l-imputat li ghandu dritt iwaqqafhom meta ma jkunux. Lanqas jista' jinghad li l-Istat ma kellux preavviz tal-problema, u messu ha shieb. Il-kazijiet imsemmija fis-sentenza juru li din il-kwistjoni kienet qed tbaqbaq, u allura kien dmir tieghu li jaghmel dak li kellu jsir, u dan fi zmien utili ta' dan il-process ta' l-appellanti.**

**(2) Dwar id-dewmien. Il-Gurisprudenza tal-Qorti Ewropea hija cara li t-tul komplessiv taz-zmien ghandu l-akbar rilevanza. F'dan il-kaz ma kienx hemm xi komplessita` enormi, xi rogatorji barra minn Malta, xi indagini ta' barra minn hawn. Fuq kollox, fl-fazi tal-appell, meta l-inkartament kien lest, id-dewmien fih innifsu kien car. L-ewwel Onorabbli Qorti qalet li l-appellant ma kienx jidher herqan. Xejn ma ghamel l-appellant biex ifixkel. Inoltre u dan skond**

**gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, l-imputat mhux obbligat li jghin jew li hu jhaffef il-proceduri.**

Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-atti tal-kawza kriminali (li, kif inghad fis-sentenza appellata, ghadha quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali pendenti l-ezitu ta' dawn il-proceduri kostituzzjonali), tosserva s-segwenti:

**<u>Dwar in-nomina tal-periti u l-allegat nuqqas ta' smigh xieraq</u>**

1. Il-posizzjoni ta' "esperti" li jkunu membri effettivi tal-Korp tal-Pulizija, cioe` li jkunu ghadhom dipendenti direttament mill-Kummissarju tal-Pulizija (mhux, per ezempju, jekk ikunu gew "seconded" ma' xi Dipartiment iehor tal-Gvern b'mod li ma jkunux aktar dipendenti direttament mill-imsemmi Kummissarju) hi llum cara, u dan wara diversi sentenzi kemm ta' din il-Qorti (ara, *inter alia*, ***Nicholas Ellul v. Kummissarju tal-Pulizija***, 22/5/1991 u ***John Saliba v. Avukat Generali et***, 6/7/1998) kif ukoll tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali (ara, *inter alia*, ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Joseph Attard u Angelo Attard***, 8/5/1998): dawn il-membri effettivi tal-Korp tal-Pulizija, anke jekk jigu nominati "esperti" fi proceduri gudizzjarji ta' natura penali, jistghu jiddeponu biss dwar rizultanzi fattwali li jkunu rriskontraw – del resto bhalma jista' u ghandu jiddeponi kulhadd, inkluzi membri tal-imsemmi Korp – izda ma jistghux jesprimu opinjoni jew opinjonijiet li huma riservati ghall-esperti ossia periti (hlief ghal dawk l-"opinjonijiet" li fil-gurisprudenza penali huma ammessi, eccezzjonalment, anke fil-kaz ta' xhieda mhux esperti, bhal meta, per ezempju, xhud jintalab jghid b'liema velocita` kienet ghaddejja vettura li huwa jkun ra, u dan jew ghax dik l-"opinjoni" ma tkunx tirrikjedi "hila jew sengha specjali" (Art. 650(1), Kap. 9), jew ghax fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz il-Qorti tkun sodisfatta mill-"hila jew sengha specjali" tax-xhud – bhal fil-kaz tat-tabib fid-dipartiment ta' l-emergenza ta' sptar – u tkun sodisfatta wkoll li jkun fl-interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja li tippermetti lil dak ix-xhud jesprimi dik l-opinjoni). Huwa proprju ghalhekk li ma jistax ikun hemm oggezzjoni ghall-

"espert" li semplicement jeleva impronta digitali – l-elevazzjoni u l-preservazzjoni tat-tracci materjali tar-reat hija, wara kollox, parti mid-dover ta' kull membru tal-Korp tal-Pulizija. Differenti hija l-posizzjoni ta' l-espert li jqabbel l-impronti elevati ma' dawk, per ezempju, tal-imputat – dan necessarjament jesprimi opinjoni bbazata fuq "hila jew sengha specjali". Hekk ukoll it-tehid tar-ritratti (haga li llum generalment ma tirrikjedi ebda hila jew sengha specjali) – ir-ritratt semplicement jirregistra dak li jkun qed jara, mil-lenti jew mill-mira, il-persuna li tiehu r-ritratt u f'dan is-sens tissostitwixxi deskrizzjoni verbali ta' dak li wiehed ikun ra.

2. Din il-Qorti taqbel ma' l-ewwel Qorti li l-appellant kellu l-opportunita` kollha li jqajjem il-kwistjoni ta' esperti li kienu membri tal-Korp tal-Pulizija kemm quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja, kif ukoll quddiem dik l-istess Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fir-rikors ta' appell tieghu. Minn dan kollu ma ghamel xejn. Issa, ghalkemm huwa veru li Zarb (flimkien ma' persuni ohra, fosthom Melchior Spiteri) tressaq quddiem il-Qorti Istruttorja fil-5 ta' April, 1991, u cioe` qabel ma l-posizzjoni ta' "esperti" li jkunu membri effettivi tal-Korp tal-Pulizija giet kristallizzata bis-sentenza tat-22 ta' Mejju, 1991 fl-ismijiet ***Nicholas Ellul v. Kummissarju tal-Pulizija*** aktar 'l fuq imsemmija, u ghalkemm in-nomina – jew ahjar, il-konferma tan-nomina li kienet saret fil-kors ta' l-inkjesta dwar l-*in genere* – ta' xi whud (mhux ta' kollha) mill-membri tal-Korp tal-Pulizija saret ukoll qabel it-22 ta' Mejju, 1991, l-appellant, anke jekk forsi ma setax jirrikuza dawn l-"esperti" formalment (ghax huma kienu diga` wettqu xogholhom fil-kors ta' l-*in genere*), seta' dejjem joggezzjona (wara t-22 ta' Mejju, 1991) ghal dik in-nomina ossia konferma, jew altrimenti jirregistra l-oggezzjoni tieghu limitatament ghall-valur probatorju tad-deposizzjonijiet taghhom. Galadarba hu ghazel li ma jaghmel xejn minn dan kollu – anqas fir-rikors ta' appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali – din il-Qorti, bhal Prim Awla, ghandha necessarjament tifhem li l-appellant ma kienx qed joggezzjona ghal dik in-nomina jew konferma jew joggezzjona li dawk l-esperti jiddeponu fis-sens li jesprimu "opinjoni" minflok ma jillimitaw ruhhom

ghar-rizultanzi fattwali. Wara kollox mhux eskluz li tali nomina, konferma jew deposizzjoni tista' tkun tiffavorixxi t-tezi tad-difiza f'xi kaz partikolari.

3. Ghandu jinghad li l-kaz ta' John Saliba, li fuqu qed jibbaza l-ewwel aggravju ta' l-appell l-appellant odjern, kien kaz fejn il-fattispeci kienu totalment differenti minn dawk odjerni. Fil-kaz ta' Saliba, <u>kollox</u> kien jiddependi fuq ir-relazzjoni "peritali" ta' espert li kien membru effettiv fil-Korp tal-Pulizija. In fatti, kif osservat din il-Qorti fis-sentenza tas-6 ta' Lulju, 1998 fl-ismijiet ***John Saliba v. Avukat Generali et*** :

**Qabel xejn, jinghad, li minn ezami ta' l-atti tal-kumpilazzjoni jemergi li l-istadju tal-provi u tat-trattazzjoni kien ilu konkluz zmien qabel ma l-Qorti tal-Magistrati fit-28 ta' Ottubru, 1991, wara numru konsiderevoli ta' differimenti ghas-sentenza, iddecidiet il-kaz billi lliberat lill-imputat. B'mod partikolari, imbaghad, jirrizulta illi n-nomini ta' l-esperti ta' impronti digitali kienet tirrisali ghal erba' snin qabel, cioe` ghall-1987. Jirrizulta, ukoll, bl-aktar mod car <u>li l-kaz kollu kien jistrieh fuq *fingerprint* wahda elevata minn PC Caruana f'cirkostanzi xejn rakkomandabbli li d-difiza mill-ewwel opponiet ghalihom u li wasslu biex gie nominat espert iehor, PC Calleja, ukoll membru tal-Korp tal-Pulizija li pero` ma kienx refa' l-impronta hu u kellu jistrieh fuq l-impronta elevata minn PC Caruana</u>. Fuq dan hemm verbal fl-atti tal-kumpilazzjoni anke jekk l-istess verbal ma jfissirx li l-imputat kien qed joggezzjona ghan-nomini minhabba li l-esperti kienu membri tal-Korp tal-Pulizija. Fl-ahharnett, imbaghad, jirrizulta illi l-Qorti tal-Magistrati meta giet ghas-sentenza taghha, dehrilha li apparti konsiderazzjonijiet ohra dwar l-attendibilita` tar-rizultanzi ta' l-ezami komparattiv ta' l-impronta digitali, kellha taghti piz lis-sentenzi ta' din il-Qorti li kienu ghadhom kemm gew ippronunzjati appena ftit xhur qabel, izda wara li kienet li ilha li nghalqet it-trattazzjoni, u li kienu affermaw l-irregolarita` ta' nomini ta' esperti fi proceduri kriminali minn fost membri tal-Korp tal-Pulizija. Bhala rizultat**

**ta' dan hi waslet ghal konkluzjoni illi l-istess rapporti peritali ma kellhomx jinghataw valur probatorju minnha.** (sottolinear ta' din il-Qorti).

4. Fil-kaz in dizamina, mhux biss qatt ma kien hemm xi oggezzjoni ghan-nomina jew konferma ta' xi "esperti" minn fost membri tal-Korp tal-Pulizija – kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata – izda ma jistax jinghad, u anqas qed jigi allegat, li l-kaz tal-prosekuzzjoni jistrieh kollu kemm hu, jew sostanzjalment, fuq xi impronta digitali (wahda jew aktar) li tqabblet ma' ta' l-imputat minn membru tal-Korp tal-Pulizija. Din il-Qorti hadet l-izbriga li tezamina il-process kollu fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Jesmond Cassar et***, u tosserva li l-membri kollha tal-Korp tal-Pulizija li gew konfermati fin-nomina taghhom kienu jew elevaw impronta jew impronti digitali fil-kors ta' l-*in genere* jew hadu ritratti fil-kors ta' dik l-inkjesta. Irrispettivament minn jekk kienux gew konfermati "fin-nomina taghhom", huma setghu liberament jiddeponu dwar ir-rizultanzi fattwali li kienu rriskontraw. Huwa veru li xi whud minn dawn il-pulizija li kienu gew nominati biex jelevaw impronti ghamlu, dejjem fil-kors ta' l-*in genere*, dak li jissejjah "ezami eliminatorju" – iqabblu l-impronti li jkunu elevaw ma' dawk tal-persuni li jkunu jghixu jew jahdmu fil-post misruq biex b'hekk ikunu jistghu jeskludu, ghal eventwali komparazzjoni, "lifters" li jkunu ta' impronti ta' dawn in-nies. Tali rizultanzi peritali ma jistghu b'ebda mod jitqiesu bhala prova kontra xi persuna ohra li eventwalment tigi akkuzata b'dik is-serqa; u certament fil-kaz *de quo* tali rizultanzi ma ttiehdux bhala prova la kontra Zarb u lanqas kontra Melchior Spiteri. Fil-kors ta' l-istruttorja, meta saret talba mill-prosekuzzjoni sabiex isir it-tqabbil ta' impronti elevati minn diversi postijiet (fejn allegatament kienet saret xi serqa) ma' dawk ta' l-imputati, giet nominata persuna li ma kienitx membru tal-Korp tal-Pulizija, Joseph Bongailas. Fir-relazzjoni tieghu presentata fit-12 ta' Frar, 1993 (fol. 886), l-imsemmi Joseph Bongailas ikkonkluda li tlett impronti elevati kienu dawk ta' Melchior Spiteri (fil-kaz ta' Zarb, pero`, ma nstabu ebda impronti li kienu jaqblu). Minkejja dan, hu evidenti mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti tal-15 ta' Frar, 1995 (fol. 1075 tal-process) li kellhom piz konsiderevoli, jekk mhux addirittura determinanti fil-kaz

kemm ta' Zarb kif ukoll ta' Melchior Spiteri, mhux xi impronti li setghu nstabu izda l-istqarrijiet ta' l-istess Zarb u Melchior Spiteri, stqarrijiet li f'ebda hin ma gew attakkati bhala li kienu ittiehdu illegalment jew li ma kienux jikkontjenu l-verita`. Ghalhekk il-kaz *de quo* huwa ghal kollox differenti mill-kaz ta' ***John Saliba***; u din il-Qorti, ghalhekk, ma tirriskontra anqas tracca ta' xi nuqqas ta' smigh xieraq li seta wassal ghas-sentenza tal-15 ta' Frar, 1995. Apparti dan kollu, anke li kieku, ghall-grazzja ta' l-argument, sar ezami komparattiv bejn impronti elevati ma' dawk ta' l-imputati minn membru tal-Korp tal-Pulizija – b'mod li ghalhekk tkun saret irregolarita` fil-proceduri – jekk wiehed kellux "smigh xieraq" jew le jiddependi minn ezami tal-assjem tal-proceduri, inkluzi dawk fl-appell li sal-lum ghadhom pendenti (u dan minhabba li nel frattemp l-appellant u Melchior Spiteri intavolaw rikorsi kostituzzjonali separati quddiem il-Prim Awla). Ghalhekk f'dan is-sens l-ilment ta' l-appellant Zarb li hu ma kellux "smigh xieraq" huwa wkoll wiehed intempestiv.

**Dwar it-trapass ta' zmien mhux ragonevoli**

5. Kwantu ghall-kwistjoni tad-dewmien, din il-Qorti, wara li, bhall-ewwel Qorti, ezaminat bir-reqqa l-atti tal-process kriminali relattiv, taqbel sostanzjalment ma' l-analizi maghmula mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti, pero`, ma taqbilx ghal kollox mal-konkluzjoni li wiehed ghandu jigbed minn dik l-analizi. Jidher car, anke minn ezami superficjali tal-atti tal-process kriminali, li proprjament l-uniku stadju fejn jista' jinghad li kien certu dewmien kien fl-istadju ta' l-appell, cioe` quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali. In fatti s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati nghatat, kif diga` inghad, fil-15 ta' Frar, 1995. Minn din is-sentenza appellaw limitatament fuq il-piena Jesmond Aquilina, Melchior Spiteri, David Spiteri u Joseph Aquilina; filwaqt li Nazzareno sive Reno Zarb, ghalkemm appella b'mod ghal kollox skeletali fil-meritu, appella wkoll, minghajr pregudizzju ghall-meritu, fuq il-piena. Dawn ir-rikorsi ta' appell ma kienu jipprezentaw ebda diffikulta` partikolari. Minkejja dan, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kif presjeduta minn Frar, 1995 sa Novembru, 2001 (meta l-appell ghadda quddiem Imhallef iehor sedenti f'dik il-Qorti) – perjodu ta' kwazi sitt snin u nofs – baqghet ma tatx is-

sentenza taghha. Huwa veru, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, li l-Qorti tal-Appell Kriminali, f'diversi okkazzjonijiet meta kienet halliet l-appelli ghas-sentenza, "kienet tigi imfixkla f'dan b'diversi rikorsi li kienu jressqu l-akkuzati". Kien hemm rikorsi ghal-liberta` provvisorja u rikorsi biex jinstemghu xhieda godda dwar il-piena – lanqas li ppresenta minn dawn ir-rikorsi kien Nazzareno sive Reno Zarb u l-aktar li ppresenta kien Melchior Spiteri. Minkejja dan, din il-Qorti hi tal-fehma li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali, meta kellha diversi appellanti quddiemha, kellha l-obbligu <u>li ma thallix dawn ir-rikorsi, kjarament intizi biex itawwlu l-proceduri, milli hekk itawwlu l-istess proceduri</u>, u dan ghar-raguni ovvja li min ried itawwal il-proceduri kien qed jaghmel hekk a skapitu ta' haddiehor, cioe` ta' ko-akkuzati (jew f'dan il-kaz appellanti) ohra. Ghalhekk, filwaqt li fil-konfront ta' Melchior Spiteri din il-Qorti tikkonkludi li ma kien hemm ebda lezjoni ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni minhabba trapass ta' zmien mhux ragonevoli, l-istess ma jistax jinghad fil-konfront ta' Nazzareno sive Reno Zarb.

## <u>Decizjoni</u>

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonferma dik is-sentenza in kwantu sabet li ma kienx hemm lezjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea fuq il-gravam ta "nuqqas ta' smigh xieraq", thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn iddecidiet li ma kienx hemm lezjoni tal-imsemmija artikoli minhabba dewmien irragonevoli fl-iter procedurali u fejn ordnat li l-ispejjez jithallsu kollha mill-istess rikorrent Zarb, u minflok tiddikjara li fil-konfront tal-appellant Nazzareno sive Reno Zarb kien hemm tali lezjoni minhabba dewmien, u konsegwentement tikkundanna lill-appellat Avukat Generali jhallas lill-appellant is-somma ta' mitt lira (Lm100) bhala rimedju ghal tali ksur.

L-ispejjez kemm tal-ewwel istanza kif ukoll ta' dana l-appell ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi minnufih komunikata mid-Deputat Registratur taghha lid-Deputat Registratur tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------